

Emenda 59**Eleonora Evi**

f'isem il-Grupp EFDD

Rapport**A8-0208/2017****Gerben-Jan Gerbrandy**

Tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi

COM(2016)0482 – C8-0331/2016 – 2016/0231(COD)

Proposta għal regolament**Artikolu 4 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2. ***Soġġett għall-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 għall-aġġustament skont l-Artikolu 10(2) u filwaqt illi jitqies kull tnaqqis li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqbżux il-livell iddefinit minn trajettorja lineari, li tibda fl-2020 fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu matul l-2016, l-2017 u l-2018 iddeterminati skont il-paragrafu 3, u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak l-Istati Membru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.***

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqbżux il-livell iddefinit minn trajettorja lineari, li tibda ***fl-2017 fil-livell tal-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu fil-perjodu 2016-2018, jew il-mira tiegħu tal-2020, skont liema tkun iktar baxxa***, u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak ***l-Istat*** Membru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Or. en